# Il-Qgħad Irreġistrat: Ottubru 2024

**NR 219/2024** **Data tal-Ħruġ: 21 ta' Novembru 2024**

*F'Ottubru 2024, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,089 biex b'hekk kien hemm żieda ta' 130 persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Ottubru 2024 kien hemm żidiet ta' 86 persuna u 44 persuna jirreġistraw fl-Ewwel u t-Tieni Parti tar-Reġistru tal-Qgħad, rispettivament (Tabelli nri 5 u 8). Iż-żidiet fir-reġistrar dehru fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età. L-irġiel kienu jgħoddu mat-68.4 fil-mija ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kienu rreġistrati żidiet ta' 47 persuna u 90 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa u għal bejn 21 u 52 ġimgħa, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-għadd ta' dawk li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena naqas b'sebgħa (Tabella nru 2).

F'Ottubru 2024, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas b'sitta meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u kien ta' 234 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 74.4 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'27.5 fil-mija u b'40.1 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

